

Paġna ewlenija>Flus/Talbiet monetarji>Tariffi tal-qorti dwar il-proċedura tal-ħlas Ewropea Tariffi tal-qorti dwar il-proċedura tal-ħlas Ewropea

Portugall

Introduzzjoni

Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament dwar l-Ispejjeż tal-Qorti (*Regulamento das Custas Processuais*), adottat bid-Digriet Liġi Nru 34/2008 tas-26 ta' Frar 2008, it-tariffa tal-qorti (*taxa de justiça*) hija espressa f'unitajiet ta' kont (*unidades de conta*, UC), b'unità waħda ta' kont li bħalissa tammonta għal EUR 102. L-ammont tat-tariffa tal-qorti jiġi stabbilit skont il-valur jew il-kumplessità tal-kawża.

Ir-Regolament dwar l-Ispejjeż tal-Qorti jinkludi regoli speċifiċi relatati mar-Regolament (KE) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea.

X'tariffi huma applikabbli?

Skont l-Artikolu 7(4) u t-Tabella II-A tar-Regolament dwar l-Ispejjeż tal-Qorti, għal rikorsi għal ordni ta' ħlas:

sa EUR 5 000: it-tariffa tal-qorti hija ta' EUR 102 (1 UC);

minn EUR 5 000 sa EUR 15 000: it-tariffa tal-qorti hija ta' EUR 204 (2 UC);

'il fuq minn EUR 15 000.01: it-tariffa tal-qorti hija ta' EUR 306 (3 UC).

Tista' tintalab tariffa oġġla:

Jekk il-kawża tirriżulta li hija partikolarment kumplessa, f'liema każ il-qorti tista' fl-aħħar mill-aħħar tistabbilixxi tariffa oġġla fil-limiti stabbiliti fit-Tabella II tar-Regolament dwar l-Ispejjeż tal-Qorti (l-Artikolu 7(7)). Skont l-Artikolu 530(7) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (*Código de Processo Civil*), kawżi partikolarment kumplessi għall-finijiet tal-ħlas tat-tariffa tal-qorti huma kkunsidrati bħala kawżi jew proċedimenti interim li:

ikun fihom sottomissjonijiet jew talbiet fit-tul;

ikunu jikkonċernaw kwistjonijiet legali speċjalizzati ħafna jew materji tekniċi speċifiċi ħafna jew ikunu jeftieġu analiżi konġunta ta' kwistjonijiet legali minn kummissjonijiet differenti ħafna; jew

ikunu jinvolvu s-smiġħ ta' għadd kbir ta' xhieda, l-analiżi ta' provi kumplessi jew diversi passi fit-tul sabiex jittressqu l-provi; kif ukoll

Jekk il-persuna responsabbli biex tħallas it-tariffa tal-qorti tkun impriża kummerċjali li, fis-sena preċedenti, tkun ippreżentat 200 rikors jew aktar għal rimedju interim jew forom oħra ta' rikorsi jew eżekuzzjoni, f'qorti, f'reġistru jew f'punt ta' kuntatt, f'liema każ it-tariffa tal-qorti tiġi stabbilita kif ġej għal rikorsi għal ordnijiet ta' ħlas imressqa mill-impriża kkonċernata:

sa EUR 5 000: it-tariffa tal-qorti hija ta' EUR 153 (1.5 UC);

minn EUR 5 000 sa EUR 15 000: it-tariffa tal-qorti hija ta' EUR 306 (3 UC);

'il fuq minn EUR 15 000.01: It-tariffa tal-qorti hija ta' EUR 459 (4.5 UC).

Jekk l-intimat jippreżenta dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) 1896/2006 u l-proċedimenti jkomplu, l-ammont fit-tariffi tal-qorti għall-proċedura ta' ordni ta' ħlas Ewropea jitnaqqas, għar-rikorrent, mill-ammont dovut skont il-proċedimenti kontinwi (l-Artikolu 7(6) tar-Regolament dwar l-Ispejjeż tal-Qorti).

Kemm irrid inħallas?

Ara t-tweġiba preċedenti.

X'jiġri jekk ma nħallasx it-tariffi tal-qorti fil-ħin?

Skont l-Artikolu 642 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, tingħata struzzjonijiet mir-reġistru tal-qorti sabiex tagħmel il-ħlas li ma sarx fi żmien 10 ijiem, u tħallas multa addizzjonali ta' ammont ugwal li jikkorrispondi għal mhux anqas minn unità ta' kont waħda u mhux aktar minn 5 unitajiet ta' kont. Jekk tonqos milli tagħti prova tal-ħlas tat-tariffi tal-qorti dovuti u tal-multa fi żmien 10 ijiem, il-qorti tordna l-irtirar tat-talba, tar-rikors jew tal-appell li tkun ippreżentajt.

Kif nista' nħallas it-tariffi tal-qorti?

It-tariffi tal-qorti jridu jiġiħallsu permezz ta' trasferiment bankarju.

Meta tippreżenta rikors għal ordni ta' ħlas lill-qorti, nirrakkomandaw li tistenna l-istruzzjonijiet mir-reġistru tal-bank ċivili ċentrali fil-qorti distrettwali ta' Porto dwar kif tagħmel il-ħlas. Għal dan il-għan, **huwa rrakkomandat ħafna li tipprovdi indirizz tal-posta elettronika għar-rikorrent jew għar-rappreżentant tiegħu**. Ir-reġistru tal-qorti jibgħat numru ta' referenza (li jkun fih 12-il ċifra u li jibda b'70) li **għandu jiddaħħal fil-kaxxa tal-kummenti tat-trasferiment bankarju, flimkien man-numru tal-kawża tal-proċedura sabiex il-ħlas ikun jista' jitqabbel mal-kawża**. Trid tipprovdi prova tat-trasferiment lill-qorti.

Jekk tagħżel li tħallas qabel il-bidu tal-proċedimenti fil-qorti, jiġifieri mingħajr ma tistenna l-avviż ta' ħlas mill-qorti, id-dettalji tal-ħlas huma kif ġej (u trid tipprovdi prova tat-trasferiment lill-qorti):

Id-Detentur: Instituto de Gestão Financeira e Equipamentos da Justiça, I.P. (Istitut għall-Ġestjoni Finanzjarja u l-Infrastruttura fis-Sistema Ġudizzjarja)

I-NIF (in-numru ta' identifikazzjoni tal-kontribwent): 510 361 242

in-numru tal-kont: 1120014160

NIB (Portuguese BBAN): 078101120112001416052

IBAN: PT50078101120112001416052

L-isem tal-bank: Agência da Gestão da Dívida e do Crédito Público - IGCP, E.P.E.

il-BIC SWIFT (Kodiċi għall-Identifikazzjoni tan-Negozju): IGCPPTPL

X'għandi nagħmel wara l-ħlas?

Skont l-Artikolu 22(1) tal-Ordni ta' Implimentazzjoni Ministerjali (*Portaria*) Nru 419-A/2009 tas-17 ta' April 2009, inti trid tippreżenta dokument bħala prova ta' ħlas jew inkella tipprovdi prova ta' ħlas, flimkien mas-sottomissjonijiet jew it-talba korrispondenti, sakemm ma jkunx previst mod ieħor skont l-Ordni Ministerjali ta' Implimentazzjoni Nru 280/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013.

L-aħħar aġġornament: 07/04/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.